**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħa u Ħamsin (54)**

**23 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Victor John Curmi – Kunsillier
*Il-Kunsillier Anthony Attard informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jasal tard għal din il-laqgħa.*

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

54.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Stefan Bajada infurmah verbalment li mhux ser ikun jista' jattendi għal din il-laqgħa.

54.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**54.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tad-19 ta' Lulju 2022**

54.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 51 li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2022.

**54.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti taż-żewġ laqgħat b'urġenza tat-8 ta' Awwissu 2022**

54.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti taż-żewġ laqgħat b'urġenza tal-Kunsill numru 52 u 53 li saru nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2022.

**54.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

54.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li llum it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 gie ippubblikat it-*tender* ghall-progett tal-bini ta' Centru Civiku gdid fil-lokalita' taghna. Din is-sejha ghall-offerta taghlaq fl-10.30am tal-Erbgha 28 ta' Settembru 2022.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li kien hemm varjazzjoni fil-*bill of quantities* tat-*tender* tal-proġett u dan peress li żdiedu xi *items* tal-inġinier li ma kinux inklużi fl-istima oriġinali li għamel il-Perit Edward Scerri u li fuqha ngħataw il-fondi min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku innota li d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, is-Sur Anthony Cachia, informa lill-Kunsill li trid tinhareg sejha ghall-offerti specifika ghal *project manager* fuq dan il-progett. Il-Kunsill qabel li ghandna nimxu mar-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti u tigi ippubblikata din is-sejha ghall-offerti wara li taghlaq is-sejha ghall-offerti ghax-xoghlijiet relatati ma' dan il-progett.

54.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li gie deciz fil-laqgha b'urgenza numru 52 tat-Tnejn 8 ta' Awwissu 2022, il-Kunsill Lokali tax-Xaghra talab lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jiffinanzja parti mill-ispiza relatata max-xoghol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marga fil-lokalita' taghna.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ministeru ghal Ghawdex ghadu qed jistenna l-approvazzjoni min-naha tal-Ministeru ghall-Finanzi rigward din it-talba taghna.

54.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol tat-taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza Il-Vitorja jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Dan ix-xogħol ser iwassal sabiex il-pjanti li jinsabu fil-*pots* madwar Pjazza l-Vitorja ser ikunu qed jissaqqew b'mod awtomatiku.

Is-Sindku qal li għadna qed nistennew stima mingħand il-kuntrattur Richard Cauchi għax-xogħol li fadal isir fuq dan il-proġett.

54.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li sad-data u l-hin tal-gheluq tas-sottomissjonijiet ta' kwotazzjonijiet ghas-servizz tat-tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina kien hemm zewg kumpaniji li tefghu l-offerta taghhom.

Is-Sindku innota li l-bord ta' evalwazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerti sottomessi talab xi kjarifikazzjonijiet minghand iz-zewg kumpaniji, liema kjarifikazzjonijiet iridu jigu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022.

Is-Sindku qal li galadarba dawn il-kjarifikazzjonijiet jintbaghtu, ser isejjah laqgha b'urgenza tal-Kunsill b'mod virtwali sabiex tittiehed decizjoni dwar din il-kwotazzjoni pubblika. Il-Kunsill qabel unanimament li galadarba tittiehed din id-decizjoni, ghandna naghmlu laqgha mal-kuntrattur maghzul sabiex nassiguraw li t-tindif tat-toroq fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina jsir bl-aktar mod adekwat.

54.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 7 ta' Settembru 2022, Lejliet il-Festa ta' Marija Bambina, ser issir ic-cerimonja annwali tar-*re-enactment* li jfakkar l-Assedji ta' Malta u t-tqeghid tal-kuruni f'riglejn il-monument tal-Assedju fi Pjazza Il-Vitorja. Din tkun organizzata mill-Ufficcju tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex b'kollaborazzjoni mal-Parrocca tax-Xaghra. Ic-cerimonja ser tibda b'Quddiesa fil-Bazilika fid-9.15am.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li bhalma gara fis-snin precedenti, il-Kunsill ghandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' billi jhallas l-ispejjez tar-riceviment li jigi organizzat ghall-mistednin distinti wara li tintemm ic-cerimonja.

B'rabta mal-festa ta' Marija Bambina, il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jigi organizzat festin lill-anzjani Xaghrin li jattendu ghall-attivitajiet taghhom fic-Centru ta' Matul il-Jum. Dan ir-riceviment ser isir nhar l-Erbgha 31 ta' Awwissu 2022 u jibda b'Quddiesa fid-9.00am fic-Cirklu taz-Zghazagh.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna niktbu formalment lill-Kumitat Regjonali tal-Ministeru ghal Ghawdex rigward il-fatt li c-cerimonja tas-7 ta' Settembru qed jitnaqqsilha mill-importanza taghha.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Aaron Agius, il-Kunsill qabel unanimament li għandna ninkludu l-proġett ta' monument tal-Assedju fi Pjazza Il-Vitorja fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

54.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ghandna nibdew nahsbu ghat-tizjin ta' Pjazza Il-Vitorja u Vjal it-Tmienja ta' Settembru ghall-festi tal-Milied.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna nohorgu sejha ghall-offerti ghal dan is-servizz. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jikkommetti s-somma ta' € 15,000 mill-allokazzjoni finanzjarja tieghu ghal dan ix-xogħol.

## 54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

54.5.1 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' periklu f'parti mill-Wied tar-Ramla fejn preżentament għaddej il-proġett tal-bini ta' ħitan tas-sejjieħ mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lid-Direttur ta' Eko-Għawdex, is-Sur Joseph Cutajar, rigward din il-materja.

54.5.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-talba li għamilna sabiex jiġi estiż is-servizz tal-*wi-fi* b'xejn fi Pjazza Il-Vitorja. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew risposta mingħand il-kumpanija *Tech.MT* li tamministra dan il-proġett u ser nibagħtu *reminder*.

## 54.6 Qari tal-Korrispondenza

54.6.1 Ċirkulari numru 074/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Invite – Blue Heart Campaign'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.2 E-mail mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'informazzjoni dwar ir-*review* tal-*policy* dwar iċ-ċimiterji maħruġa mill-istess Awtorita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.3 Kwotazzjoni mingħand *Agri and Pet Supplies* għal tħawwil ta' żewġ siġar taż-żebbuġ fil-*planters* li jinsabu maġenb iċ-ċimiterju parrokkjali tax-Xagħra. Din tammonta għas-somma ta' € 522.90c VAT inkluza.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li għandna nipproponu li jsiru żewġ siġar tal-Milied imħawlin fl-art minflok siġar taż-żebbuġ fl-entratura taċ-ċimiterju parrokkjali. Dan wara li nġibu l-permess mingħand l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Carmelo Refalo.

54.6.4 E-mail mingħand il-Perit David Dimech li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jipproponi sit fejn jistgħu jiġu rilokati s-siġar tal-palm li hemm fir-roundabout qrib il-Knisja Ta' Ħamet minħabba li hemmhekk ser isir monument tal-artist Mario Agius.

Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-Sur Dimech li aħna ma nsibux oġġezzjoni li dawn is-siġar tal-palm jitħawlu fiċ-*central strip* fl-aħħar parti ta' Triq Marsalforn.

54.6.5 E-mail mingħand Michael Portelli, Segretarju tal-Grupp *Legio X Fretensis* Malta, li fiha qed jagħti dettalji dwar dan il-grupp kulturali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

*Il-Kunsillier Anthony Attard daħal għal-laqgħa fis-6.05pm.*

54.6.6 Ittra mingħand l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fil-pubblikazzjoni tal-paġna tat-tfal fir-rivista 'Ix-Xagħra'.

Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 300.

54.6.7 Ċirkulari numru 7/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi fl-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u Emendi

fir-Regolamenti dwar Proċeduri għall-Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.8 Ċirkulari numru 076/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Launch of European Mobility Week 2022 – Competitions'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.9 Kwotazzjoni mingħand is-Sur John Cassar għal Kunċert mużikali fi Pjazza Il-Vitorja nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2022. L-istima tammonta għas-somma ta' € 1360 VAT inkluża. Il-Kunsill aċċetta din l-istima.

Rigward *PA system* għal din l-attivita', il-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima lis-Sur Ronnie Dimech.

54.6.10 E-mail mingħand Jennifer Xuereb, Segretarju Eżekuttiv ta' 'The Marigold Foundation', li fiha qed tistieden lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex sabiex jagħżlu post importanti fil-lokalita' tagħna sabiex jinxtegħel roża matul ix-xahar ta' Ottubru 2022 biex titqajjem kuxjenza favur il-mard tal-kanċer.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nixegħlu s-Salib tal-Pjazza flimkien mal-Mitħna Ta' Kola.

54.6.11 Ċirkulari numru SPI/SCI/09/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom'.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw taħt din l-iskema ta' finanzjament biex isir ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ta' Karkar.

54.6.12 E-mail mingħand is-Sinjura Antoinette Vassallo, Kummissarju għat-Tfal, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex dwar il-ħidma tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.13 Ċirkulari numru 077/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Festi / inizjattivi organizzati mill-Kunsilli Lokali / Reġjonali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.14 Ċirkulari numru 078/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Attivitajiet organizzati mill-AKL bejn Settembru u Diċembru 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

*Il-Viċi Sindku Aaron Agius irtira mill-kamra tal-laqgħat fis-6.15pm.*

54.6.15 E-mail mingħand Oliver Bonnici, uffiċjal tal-kumpanija *GO plc*, li fiha qed jawtorizza lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex juża l-kaxxa tat-telefon eżistenti fi Pjazza l-Vitorja għal użu ulterjuri minn kaxxa tat-telefon, bħal per eżempju librerija jew post fejn jitwaħħal AED.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-permess tal-kumpanija *GO plc* sabiex napplikaw għall-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex din il-kaxxa tat-telefon tiġi restawrata għall-istat oriġinali tagħha. Il-Kunsill qabel li jekk inhu possibbli, napplikaw ukoll għall-finanzjament ta' dan ix-xogħol ta' restawr taħt l-iskema 'Proġetti Kapitali' imsemmija f'paragrafu 54.6.11.

54.6.16 E-mail mingħand Andrew Schembri, rappreżentant tal-*NGO 'Why Not?'*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiġi organizzat *team-building event* fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru 2022 mit-3.00pm sal-5.00pm. Ser ikun hemm preżenti madwar tletin persuna u l-attivitajiet li ser isiru huma kollha b'tema sportiva.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm tisjir jew żjut fuq il-bajja.

54.6.17 E-mail mingħand Marica Attard Cassar, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjani, li fiha qed tistieden lis-Sindku jew lill-Kunsillier responsabbli mill-anzjani fil-lokalita' sabiex jattendi għal seduta parlamentari speċjali li ser issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2022 bit-tema 'Id-Drittijiet tal-Anzjani u l-Abbuż'. Dawk interessati għandhom

jirreġistraw sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 7 ta' Settembru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.18 Ċirkulari numru 080/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'SEM – Invitation to local government representatives'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.19 Ċirkulari numru 081/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata '4th OPIN Community – Webinar on how to use OPIN.ME and it's Tool Box to engage young people in decision making'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**54.7 Ilmenti mir-residenti**

54.7.1 Talba mingħand Michael Galea ta' 'Clear Point Residences', Triq Ta' Gorf, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.7.2 Talba minghand Elizabeth Galea ta' Triq Marsalforn sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar matul naha wahda tal-ewwel parti ta' Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta u ser nitolbu laqgħa magħha.

54.7.3 Talba minghand Joseph Hili ta' Triq Marsalforn sabiex isiru *SLOW signs* matul Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta.

54.7.4 Talba minghand xi residenti ta' Triq Liberat Grech sabiex jitwahhal *doggy bin* f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw eżattament fejn ser jitpoġġa dan il-*bin*.

54.7.5 Talba minghand Carmel Agius ta' Triq Marsalforn sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-binja li nbniet ricentament fl-ewwel parti tat-triq minhabba li din tinsab fil-kantuniera u qed ikun hemm

problema ta' vizibilita' meta jkun hemm il-vetturi ipparkjati hemmhekk. Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta.

54.7.6 Talba minghand Raymond Sultana ta' Triq Bertrija sabiex titwahhal tabella *No Entry to Heavy Vehicles* fi Triq Bertrija. Dan peress li r-resident ghandu kantina fuq ix-xorok f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta.

54.7.7 Talba minghand Catherine *aka* Lily Camilleri ta' Sqaq fi Triq it-Tigrija sabiex jinbidlu l-fanali qodma li hemm f'dan l-isqaq. Il-Kunsill qabel li ghandna ngibu stima minghand l-Inġinier Joseph Azzopardi għal dan ix-xogħol.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu stima mingħand il-Perit Edward Scerri għal xogħol ta' pavimentar ta' dan l-istess sqaq u li possibilment napplikaw ukoll għall-finanzjament ta' dan ix-xogħol mill-iskema 'Proġetti Kapitali' kif elenkata f'paragrafu 54.6.11.

54.7.8 Talba minghand Eucharist Teuma ta' 'Kristu Re', Triq Kumittiva, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Kumittiva mal-hajt ta' *Segond Boutique Hotel*. Dan peress li t-triq hija dejqa u r-resident qed isib diffikulta' biex johrog il-vettura tieghu mill-garaxx tar-residenza.

Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta.

54.7.9 Talba minghand Josanne Camilleri ta' Triq Kortoll sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-*cat house* li giet imqieghda ricentament fi Pjazza Kortoll mill-Ministeru ghal Ghawdex. Dan peress li qed ikun hemm diffikulta' biex il-*cat feeders* jaccessaw din il-*cat house* meta jkun hemm il-vetturi ipparkjati hemmhekk. Il-Kunsill innota din it-talba.

54.7.10 Talba minghand Rita Gatt ta' 17, Triq l-Ghejun, sabiex issir 1.5m *keep clear* ghad-*disabled* quddiem ir-residenza taghha. Is-Sinjura ghandha l-

karta tal-identita' tal-persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.7.11 Talba minghand Miriam Attard ta' Triq l-Arcipriet Guzepp Diacono sabiex issir bankina gdida fi Triq l-Arcipriet Guzepp Diacono kantuniera ma' Triq Jannar skont il-permess PC/00141/18 mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar fid-9 ta' Novembru 2021. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mal-Perit Edward Scerri rigward din il-materja.

54.7.12 Talba minghand Charlie Mifsud ta' 35, Triq Liberat Grech, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-bieb tar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.7.13 Talba minghand Josianne Bartolo ta' N.B., Triq Bullara, sabiex (a) Triq Bullara tigi *one-way* minn fuq s'isfel u (b) jinzebghu l-*parking bays* matul Triq Bullara. Dan minhabba l-ammont kbir ta' karozzi li qed jigu ipparkjati bl-addocc matul it-triq. Il-Kunsill innota din it-talba.

54.7.14 Talba minghand Denise Galea ta' N.B., Triq Ta' Vestru, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata tal-garaxx tar-residenza taghha. Dan peress li t-triq hija dejqa u r-residenta qed issib diffikulta' biex tohrog mill-garaxx jekk ikun hemm vettura ipparkjata hemmhekk.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sinjura Galea sabiex iġġib il-permess bil-miktub tas-sid ir-residenza ta' faċċata tagħha qabel tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.7.15 Talba minghand Noel Teuma ta' 'Fasching House', Triq Ta' Gorf, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu. Dan peress li t-triq hija dejqa u r-resident qed isib diffikulta' biex johrog mill-garaxx jekk ikun hemm vettura ipparkjata hemmhekk.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Teuma sabiex iġib il-permess bil-miktub tas-sid ir-residenza ta' faċċata tagħha qabel tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.7.16 Talba minghand Nicolina Azzopardi ta' Triq Ta' Gorf sabiex jitnehha d-*doggy bin* li jinsab fil-bidu ta' Triq Ghajn Hosna. Dan peress li l-*bin* qed iservi biss biex jintefa' l-iskart madwaru.

Il-Kunsill qabel li dan il-*bin* għandu jitneħħa bħala miżura temporanja biex naraw kif ser tiżviluppa s-sitwazzjoni.

54.7.17 Talba minghand Cheryl Attard ta' Triq Kortoll sabiex jitwahhlu tabelli kontra l-hmieg tal-klieb fil-Pjazza tal-Kortoll. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

54.7.18 Talba minghand Dolores Cristina ta' Triq Masri sabiex tigi solvuta l-problema tal-iskart li qed jintefa' illegalment minn terzi persuni f'zona partikolari fl-istess triq.

Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lill-*enforcement unit* tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu f'Għawdex.

**54.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

54.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

54.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**54.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

54.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022 fil-5.00pm fl-uffiċċju amministrattiv b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**